KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 1

l-ewwel laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 11 ta' April 2013 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier (Daħal fis-6.30pm) |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' SINDKU

1.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace presediet is-seduta u talbet lill-Kunsillier Anthony Chircop jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Is-Sur Chircop aċċetta l-kariga ta' Sindku u ttieħed il-ġurament.

1.2 Is-Sindku A. Chircop irringrazzja lill-Kunsilliera preżenti tal-kontribut li kulħadd ta' matul din is-sena ta' ħidma li għaddiet u awgura ħidma bl-istess mod pożittiv għal erba snin li ġejjin u informa li l-ħidma se tkun aktar impenjattiva.

## 2. AĊĊETTAZZJONI TA' KARIGA TA' VIĊI SINDKU

2.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier K. Busietta jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.

L-avukat Busietta aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u tieħed il-ġurament.

## 3. HATRA TA' KUMITATI U SOTTO KUMITATI

3.1 Is-Sindku ħatar dawn il-Kumitati u Responsabbiltajiet:

**Anthony Chircop** – Chairman ġo: Kumitat Finanzi, Kumitat Offerti Pubbliċi, Traffic Management, Kumitat Siti ta' Kostruzzjoni u membru Kumitat E.U.

**Dr. Kris Busietta** – Kumitat Finanzi, Kumitat Offerti Pubbliċi, Materji Legali, Siti Storiċi, Knis, Kumitat Siti ta' Kostruzzjoni

**Paul Radmilli** – Kumitat E.U (Chairman), Skart, Skart Riċiklat, Sigurta fil-Lokalita, Kumitat Offerti Publiċi

**John Pillow** – Relazzjonijiet mas-Settur Kummerċjali, *Promenade*, Ġonna Pubbliċi, Kumitat Siti ta' Kostruzzjoni

**Pierre Portelli** – Relazzjonijiet Publiċi, *Events*, *Council Media*, IT

**Vivienne Galea Pace** – Relazzjonijiet mal-Iskejjel u Trasport Pubbliku – [illegible]

**Michael Briguglio** – Persuni b'Diżabilta, Bajjiet, Edukazzjoni (Chairman), Kumitat EU, Kumitat Finanzi, Kumitat Offerti Publiċi

**Lisa Cassar** – Kumitat Finanzi, Kumitat Offerti Publici, Relazzjonijiet Intergovernattivi, Kumitat EU

**Marianne Aquilina** – Anzjani (Chairman), Relazzjonijiet mad-*Day Centre*

**Nanette Castaldi Paris** – Relazzjonijiet mas-Settur tat-Turiżmu

**Nicolai Gauci** – Sports u Zgħażagħ

Kull membru tal-Kunsill aċċetta l-kariga tiegħu.

EMMENDI FIR-RAPPORT FINANZJARJU 2012

l-Accountant tal-Kunsill Christian Vella kien preżenti u informa lill-Kunsilliera prreżenti li l-awdituri ippreżentaw d-*draft audit report* u innotaw li għandu jkun hemm żewġ emmendi kif ġej:

- Ġie nnotat li Transport Malta se jkunu qegħdin jagħtu *grant* lill-Kunsill Euro 9,700 għax-xogħlijiet ta' Qui Si Sana.
- Kien se jsir ħlas żejjed lis-Soċjeta Filarmonika Stella Maris pero ċ-ċekk kien ġie kanċellat anke mill-iskeda tal-pagamenti.

## 4. AĠĠORNAMENT

4.1 Is-seduta ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 23 t'April 2013 fis-6pm.

Minuti approvati llum 23/04/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**